



## IT-TKOMPLIJA TAL-UNJONIEKONOMIKA U MONETARJA TAL-EWROPA

Il-Kontribut tal-Kummissjoni għall-Aġenda tal-Mexxejja

#FutureofEurope #EURoad2Sibiu

### FOND MONETARJU EWROPEW



*“L-żona tal-ewro llum hija aktar reżiljenti milli kienet fil-passat. Issa għandna l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (ESM). Nemmen li l-MES issa għandu jggradwa progressivament f'Fond Monetarju Ewropew li, madankollu, irid ikun ankrat b'mod sod mar-regoli u l-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea.”*

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea Jean-Claude Juncker, Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni, it-13 ta' Settembru 2017

Kif imħabbar fir-**Rapport tal-Ħames Presidenti** ta' Ġunju 2015 u d-Diskors tal-President Juncker dwar **l-Istat tal-Unjoni tal-2017**, il-Kummissjoni tipproponi li tibni fuq l-istruttura tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà biex tistabbilixxi Fond Monetarju Ewropew ankrat fil-qafas legali tal-UE. Skont din il-proposta, il-Fond Monetarju Ewropew se jkun stabbilit bħala entità legali unika skont il-liġi tal-Unjoni.

#### L-Artikolu 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea<sup>1</sup>

Il-Kummissjoni qed tipproponi Regolament tal-Kunsill, li huwa soġġett għall-kunsens tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. L-Artikolu 352 jippermetti l-integrazzjoni tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà fil-qafas tal-Unjoni, peress li din l-azzjoni hija neċessarja għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro. Jipprevedi wkoll rwol speċifiku għall-Parlamenti nazzjonali.

#### Karatteristiċi tal-Fond Monetarju Ewropew ġdid

- ▶ Il-Fond Monetarju Ewropew se jieħu post il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, u jħalli l-istrutturi finanzjarji u istituzzjonali attwali tiegħu essenzjalment f'posthom.
- ▶ Fi snin riċenti, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà kien determinanti biex jgħin jippriserva l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro billi jipprovidi appoġġ finanzjarju addizzjonali lil Stati Membri fiż-żona tal-euro f'diffikultà. Il-Fond Monetarju Ewropew se **jkompli jipprovidi appoġġ ta' stabbiltà finanzjarja lil Stati Membri f'diffikultà**. Il-qawwa finanzjarja disponibbli għall-Fond Monetarju Ewropew biex jirreaġixxi għal kriżijiet se jkun l-istess, b'kapaċità globali ta' self ta' €500 biljun.
- ▶ Il-Fond Monetarju Ewropew, meta ma jkunx hemm għażla oħra, se **jipprovidi l-garanzija komuni ta' kontinġenza għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni bħala parti mill-Unjoni Bankarja**. Dan għandu jsawwab kunfidenza fis-sistema bankarja billi jagħti bażi għall-kredibbiltà tal-azzjonijiet meħuda mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, u b'hekk mill-ewwel inaqqas iċ-ċans li tqum sitwazzjoni fejn garanzija ta' kontinġenza tkun meħtieġa. Il-ħolqien ta' garanzija ta' kontinġenza bħal din huwa diġà miftiehem fil-prinċipju iżda jeħtieġ li ssir operattiva. Kwalunkwe skjerament potenzjali tal-garanzija ta' kontinġenza se jkun fiskalment newtrali tul iż-żmien peress li kwalunkwe fondi użati se jkunu rkuprati mis-setturi bankarji fl-Istati Membri parteċipanti fl-Unjoni Bankarja.

<sup>1</sup> Għal aktar dettalji, ara l-iskeda informattiva: It-tweġġiq tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja Ewropea - L-irwol tal-klawżola ta' flessibbiltà, l-Artikolu 352

- ▶ Huwa previst **teħid tad-deċiżjonijiet iktar rapidu** f'sitwazzjonijiet urġenti speċifiċi. Deċiżjonijiet dwar appoġġ ta' stabbiltà jistgħu jittieħdu minn maġġoranza kwalifikata msaħħa, li fiha huma meħtieġa 85 % tal-voti tal-Bord tal-Gvernaturi biex tipproċedi.
- ▶ Il-Fond Monetarju Ewropew se **jkollu rwol iktar dirett fil-ġestjoni ta' programmi ta' assistenza finanzjarja**, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea.
- ▶ Tul iż-żmien, il-Fond Monetarju Ewropew jista' **jivviluppa strumenti finanzjarji ġodda biex jissupplimenta jew jappoġġa strumenti** u programmi finanzjarji oħra tal-UE, pereżempju f'appoġġ lil funzjoni possibbli ta' stabilizzazzjoni fil-ġejjieni.
- ▶ L-istabbiliment tal-Fond Monetarju Ewropew fil-qafas tal-Unjoni se jagħmlu **responsabbli lejn il-Parlament Ewropew**, filwaqt li jirrispetta bis-siġħ ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali.
- ▶ Il-**Kunsill u l-Kummissjoni se jżommu l-kompetenzi** u r-responsabbiltajiet tagħhom f'termini ta' sorveljanza ekonomika u fiskali u koordinazzjoni tal-politika, kif stabbiliti fit-Trattati tal-UE.

## Il-passi li jmiss

